## NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

**IT-TIENI TERMINU**

**SEDUTA NRU. 1 – IT-TLIETA, 3 TA' ĠUNJU 2014**

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-6:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Joseph Joel Micallef | Viċi *Chairperson* |
| | Alfreda Abela | Membru |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Maria Vella | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |

Bdiet tmexxi l-laqgħa s-Sinj. Evelyn Muscat bħala l-persuna l-aktar anzjana. Hija bdiet bit-talba tal-bidu u immedjatament għaddiet għall-elezzjoni ta' Chairperson.

**1. ELEZZJONI TA' CHAIRPERSON**

1.1. Is-Sinj. Muscat ipproponiet lis-Sinj. Mary Anne Cuomo bħala Chairperson. Il-membri kollha vvutaw favur din in-nomina u għalhekk is-Sinj. Cuomo kienet eletta Chairperson b'mod unanimu.

1.2. Is-Sinj. Cuomo għamlet indirizz qasir fejn irringrazzjat lill-membri kollha tal-fiduċja u wriet it-tama li, kif sar fil-passat, il-membri kollha jagħtu s-sehem tagħhom flimkien bħala tim wieħed għall-ġid ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Hija infurmat li fil-laqgħa li jmiss se tkun qed tipproponi r-responsabbiltajiet għall-membri.

**2. ELEZZJONI TA' VIĊI CHAIRPERSON**

2.1. Iċ-*Chairperson* ipproponiet lis-Sur Joseph Joel Micallef bħala Viċi Chairperson. Il-membri kollha vvutaw favur din in-nomina u għalhekk is-Sur Micallef kien elett Viċi Chairperson b'mod unanimu.

**3. DATA GĦAL-LAQGĦA LI JMISS**

3.1. Kien hemm qbil li l-laqgħat tal-Kumitat jibdew isiru fis-6pm u possibilment il-ġurnata tkun it-Tlieta. Is-Sinj. Abela infurmat li hija tifforma parti minn kor u meta jkollhom is-sessjonijiet tal-prattika l-ġurnata tkun it-Tlieta. F'dan ir-rigward għalhekk, il-Kumitat se jagħmel dak kollu possibli biex il-laqgħa tal-Kumitat ma taħbatx fl-istess ġurnata li s-Sinj. Abela jkollha l-kor.

3.2. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir it-Tlieta 8 ta' Lulju fis-6pm.

3.3. Il-laqgħa ntemmet fis-6:30pm.

Mary Anne Cuomo
**Chairperson**

Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM
**Segretarju Eżekuttiv**